San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 51 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Ġimgha 21 ta' Novembru 2014 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

Prezenti ghal-laqgha:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Raymond Tabone | Sindku |
| 2. | Alex Bezzina | Vici Sindku |
| 3. | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 4. | Mario Salerno | Kunsillier |
| 5. | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 6. | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 7. | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 8. | Oliver Mallia | Kunsillier |
| 9. | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| 10. | Daniel Grima | Kunsillier |

Skuzati

| | | |
|---|---|---|
| 11 | Peter Abela | Kunsillier |
| 12 | John Bray | Kunsillier |
| 13 | Robert Piscopo | Kunsillier |

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

Il-laqgha bdiet fis-1745.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u beda l-laqgħa skond l-aġenda. .

1. **Approvazzjoni tal-minuti.**
Billi l-minuti tal-laqgħa preċedenti ġew ċirkulati minn qabel, dawn ittieħdu bħala moqrija u korretti. Il-minuti ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

**Punti li joħorġu mill-minuti**

2. **Sub- Office tal-Kunsill.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni biex jista' jiftaħ dan is-sub-office tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li kellha laqgħa mal-ministru tas-saħħa li fl-istess sub-office ser ikollna breast feeding clinic. Il-ministeru tas-saħħa qed jinvesti f'San Pawl il-Baħar għax hawn ħafna kulturi u ser issir attivita fil-Kunsilli rigward dan.

3. Bankini ġodda. Is-Sindku Raymond Tabone qal li bħalissa għaddejjin diversi xogħolijiet ta' bini u tiswijiet fuq bankini fil-Qawra u u dalwaqt nibdew ukoll naħdmu fuq dawk ta' Bugibba.

4. Fuljett tal-Kunsill. Is-Sindku talab lil kulħadd biex jikkontribwixxi l-artiklu tiegħu għall-fuljett tal-Kunsill ħalli dan jitqassam qabel il-Milied.

5. Tender tal-Accountant. Ġejna mgħarrfa mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill għandu joħroġ mill-ġdid it-tender tal-Accountant.

6. Fireworks Festival. Il-Kunsill gie mgħarraf li ghalkemm id-data tal-festival tan-nar mhux deċiża, is-sena dieħla tista' ssir it-2 ta' Mejju 2015

7. Ġnien Olimpiku. Biex dan il-ġnien ikun aktar sikur għat-tfal hemm il-ħsieb li tintalab għajnuna ħalli jitwaħħal railing mad-dawra fuq in-naħa tat-triq u jinxtgħel bid-dawl.

**Korrispondenza.**

8. Irċevejna korrispondenza mill-MTA li l-kulur tar-railings matul il-promenade isiru bi griz ċar.

9. Filming- intalab permess mingħand kumpanija televiżiva lokali biex jiġbdu film fi Triq is-Sajjied.

10. Ħinijiet quddiem Jonstor Ironmongary. Gie maqbul li tintbgħat ittra ta' informazzjoni u nitolbu x' jaħsbu ir-residenti. Din l-istess ittra għanda tintbgħat kemm lir-residenti kif ukoll lill tal-ħwienet.

11. Triq San Giraldu – l-Kunsill irċieva petizzjoni li ma' jixtiequx li jinbidel l-isem tat-triq u għaldaqstant kien hemm il-qbil unanimu fuq dan.

12. Triq Larry Vella – Is-Sindku Raymond Tabone qal li Triq Larry Vella hija t-Triq ta' maġenb il-Knisja

13. Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li Triq il-ġdida għandha tissemma 8 ta' Diċembru.

14. Is-Sindku Raymond Tabone kompla jgħid li Triq l-Indipendenza tissemma t-triq biswit binja Indipendenza u Triq Patri Joe Cilia – *offshoot* ta' Larry Vella.

15. Il-Kunsillier Jane Chircop qalet li għanda titwaħħal tabella Pjazza San Pawl fil-Pjazza tal-Aquarium.

16. Il-Kunsillier Oliver Mallia ħareg mil-laqgħa 1845 – ġie skużat.

17. Blue Waters Garage – Is-Sindku Raymond Tabone qal li għandu jiġi mistħarreġ kemm kien intalab biex jagħmel użu mill-istess garaxxijiet.

18. Il-Kunsillier Jane Chircop semmiet li barra minn Malta jkun hemm minn jixtri bankijiet u street furniture oħra biex ikollhom tifkira u jweħħlu l-ismijiet tagħhom fuq il-bank.

19. **Post Vakanti ta' skrivana.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser toħrog sejħa ħalli jintela' l-post vakanti flok Josette li rtirat mix-xogħol.

20. Il-Kunsillier Mario Salerno daħal għal-laqgħa 1853

**Skeda tal-Ħlasijiet.**

21. Is-Sindku Raymond Tabone talab għall-approvazzjoni tal-iskeda kif proponuta – kulħadd approva minbarra Graziella Galea, Anne Fenech u Daniel Grima.

22. Mario Salerno qal li hija assurda li jastjeni xi ħadd meta ċerta affarijiet jintalbu li jsiru mill-istess nies. Ma' jistax xi ħadd jitlob l-affarijiet u mbagħad ma' japprovax il-ħlas ta' li jkun ordna.

**Affarijiet oħra.**
**Żewġ Attvitajiet tal-Milied.**

23. Attivita quddiem is-Santana. Il-Kunsillier Mandy Buhagiar qalet li fuq l-attivita li qed tieħu ħsieb ser issir ukoll poster. Hija kompliet tgħid li għandha konferma ta' xi għoxrin artiġjanat li ser jieħdu sehem. Ser issir stall tal-Kultura u s-sidien tal-Aquarium ser isellfu l-istalls tagħhom. Mandy Buhagiar tkellmet mall-għaqdiet u ġew mistiedna l-assoċjazzjonijiet u ser isiru pasturi tal-Milied waqt l-attivita li se jsiru mit-tfal miz-zaghazagh tal-Life Qawra Youth Cenrtre. Ser ikun hemm Brass Band. Ser issir ukoll donazzjoni għal istrina. Hemm l-appoġġ tal-Hotels fl-inħawi – mingħand tad-Dolmen, San Antonio u Santana Hotel. Ser jgħatu l-ħelu u l-istess flus li jinġabru jingħataw għad-donazzjonijiet. Qalet ukoll li l-Kunsill ingħata sponsor mill-MTA.

24. **Attivita fil-pjazza.** Il-Kunsilliera Anne Fenech flimkien mall-Vici Sindku Alex Bezzina qalet li qed jaħdmu fuq l-istalls. Ser isir b'xjen banner tal-festa ta' San Pawl u ieħor int u dieħel Erba Mwieżeb. Ser jitqassmu l-ħelu, isiru posters u avviżi fuq r-radju.

25. Is-Sindku rringrazzja lill Kunsilliera tal-aġġornament u tal-ħidma biex dawn l-attivitajiet jirnexxu.

26. **Supervisor tal-Kunsill.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li billi s-supervisor tal-Kunsill żdiedlu ħafna x-xogħol minħabba ż-żieda tan-nies ħaddiema mall-Kunsill għandu jiżdied l-massimu ta' 10 fil-mija fuq il-ħlas li għandu tal-kuntratt tiegħu. Ittieħdet votazzjoni – kulħadd favur minbarra Graziella Galea u Anne Fenech li kienu kontra.

27. **Triq Bordino** – L-EneMalta talbet lil Kunsill li ser terġa' taqla l-kanal li kien sar b'xogħol hazin u jerġa' jsir mill-ġdid.

28. John Mamo. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li ġie sekondat mall-Kunsill is-Sur John Mamo mid-dipartiment tal-edukazzjoni. Bħala Kunsill ġejna mitluba nħallsu lis-Sur J. Mamo b'lura minn Ġunju li għadda u dawn imbagħad jiġu rifużi mill-istess dipartiment.

29. Moll tal-Veċċa. Is-Sindku Raymond Tabone qal li ġie approvat l-upgrading fuq il-moll. Ser isir proġett biex jiġi rranġat il-Veċċa. Il-Kunsillier Mario Salerno qal li kien spjega li hemm anke filmat u kellna wkoll laqgħa mall-Onor. Roderick Galdes fuq dan.

30. Performance Bonus tal-iskrivani. Is-Sindku Raymond Tabone staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv fuq il-performance bonus tal-iskrivani. Is-Segretarju spjega li għalkemm hemm lok għall-aktar titjib fis-servizzi li jingħataw mill-Kunsill, huwa sodisfatt bil-ħidma tagħhom u jirrakkomanda li jingħataw l-ammont ta' 7%. Dan l-ammont ġie approvat b'mod unanimu.

**Kwotazzjonijiet.**

31. Tindif tal-lattrini pubbliċi – tingħazel l-irħas waħda jigifieri dik tas-Sur Dennis Scicluna u jekk ma' jkompliex immorru fuq ta' wara.

32. Qsari - jintgħażel Jardinland jekk jipprovdi pots kif mitluba.

33. Estensjoni ta' bankina – Nickerbokker – il-Kunsill qabel li jingħata permess għall-estensjoni.

34. Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet li għanda tinkiteb ittra lil MHRA biex kull minn għandu extention tal-bankina jpoġġi cat's eye mall-kantunieri ħallli nevitaw il-periklu. Minn ma' jikkoperax jkun responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tkun kaġunata.

35. Kjarifika mingħand il-Perit. Is-Sindku Raymond Tabone talab biex naraw kif ser jibdew iduru l-coaches li flimkien mat-traffic minn Triq it-Turisti jdur għal triq tat-Trolleys – Triq Merluzz. Huwa talab biex tinkiteb ittra lil Perit ħalli jiġi fil-laqgħa li jmiss.

**Tender tal-Open Gym**

36. Fuq rakkomandazzjoni tal-Perit għandu jintgħażel l-irħas wieħed – JGC LTD. Ittieħdet votazzjoni u kulħadd kien favur – vot unanimu.

37. **Tender tal-garaxx ta' Burmarrad.**
Is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li għalqet it-tender tal-kiri tal-garaxx ta' Burmarrad u għaldaqstant ser toħroġ oħra minflok.

38. **Sekondat tas-segretarju Eżekuttiv.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun sekondat mid-DLG għal entita' oħra mall-Gvern. Għaldaqstant huwa ser jibqa' Aġent Segretarju sakemm joħrog il-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv ieħor. Huwa jaħdem tlitt ijiem fil-gimgħa sakemm jinħatar Segretarju Ezekuttiv iehor.

**Interventi tal-Kunsilliera.**

39. Mario Salerno – huwa spjega li għandu jgħaqqad grupp ta' nies biex fis-7 snin li ġejjin jidentifikaw xi proġetti x jistgħu jagħmlu – taħt strateġija 2020.

40. Jane Chircop – hija qalet fuq il-klinika tal-breast feeding u li Dar l-Umanita qed tinfetaħ l-ġurnata kollha. Tissuggerixxi tabella faċċata Dar l-Umanita. Hija qalet li Ħal Tarxien ser jagħmlu l-istess inizjattiva u l-Kunsillieri ser ikunu mistiedna għall-ftuħ uffiċjali ta' din id-Dar.

41. Raymond Tabone – huwa qal li ġie nfurmat li mhux qed jiġi il-padologista biex jaqta' d-dwiefer tal-anzjani.

42. Mandy Buhagiar – Trejqa li tintuża' ħafna wara l-knisja tal-Qawra għandu jitwaħħal dawl mall-Knisja tal-Parrocca Massimiljano Kolbe ghax tintuza minn hafna tfal huma u gejjin mill-knisja u hija ta' periklu fid-dlam. Hija qalet li hemm wisgħa biżejjed biex isir skate park u ground tal-5 a-

side. L-MTA ser ituna festoon tul ta' kilometru biex jitwaħħal minn fejn tibda d-Dolmen sa l-Aquarium. Staqsiet ukoll meta l-perit ser itina stima tat-traffic management plan kif ukoll il-BOQ tal-area ħdejn Triq il-Luzzu u l-parti ta' fuq Triq San Frangisk. Kompliet tgħid li attendiet meeting tal-MHRA. Attendiet laqgħa oħra SeeMore fuq ecological tourism. Hija spjegat li hemm il-ħsieb li jkun hemm stations ta' rent a-abike. Talbet jekk jaqblux li tintalab expression of interest – kien hemm qbil unanimu fuq dan.

43. Alex Bezzina – Huwa talab biex bejn Triq it-Tafal u St. Mary Street issir bozza jew titniżżel l-isfel għax id-dawl li hemm huwa baxx ħafna.

44. Anne Fenech – Hija spjegat li hemm it-tabelli 20 mins parking fi Triq San Pawl għandhom jiddawru.

45. Graziella Galea. – Ġibdet l-attenzjoni li fit-tela' tal-Wardija ma' hemmx bankina u għandha tiżdied fil-programm tal-bankini. Ġibdet l-attenzjoni li s-sound tal-live streaming mhux qed jinstema. Ġibdet l-attenzjoni wkoll li tpoġġa billboard quddiem il-knisja ta' Burmarrad, nitolbu l-permess u naraw jekk jistax jitmexxxa.

46. Mario Buhagiar – huwa talab biex il-Kunsill idur it-triqat mhux urbani fl-inħawi ta' Burmarrad.

47. **Aġġornament tal-laqgħa**. Il-laqgħa intemmet fid-8.56pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru fil-5.30pm.

Raymond Tabone MBA- Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop LIMIS, MBA, MPHIL (Maastricht)
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.